**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI, U TIBDIL FIL-KLIMA**

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

*Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi*

**MALTA**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE**

**PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS**

*Wild Birds Regulation Unit*

# Tajr protett u tajr kaċċabbli

Id-Direttiva tal-Għasafar 2009/147/EC tipproteġi l-għasafar kollha li jinstabu b'mod naturali fit-territtorju tal-Unjoni Ewropeja u mhux dawk biss li jinstabu f'Anness I. Artiklu 5 tad-Direttiva jispeċifika li, mingħajr preġudizzju għal Artiklu 7 (għasafar inklużi f'Anness II tad-Direttiva li jistgħu jiġu ikkaċċjati waqt il-perjodu tal-kaċċa fil-ħarifa) u għal Artiklu 9 (derogi), l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom jieħdu il-miżuri neċessarji sabiex jistabbilixxu sistema ġenerali ta' protezzjoni lill-għasafar kollha.

Artiklu 4 tad-Direttiva jispeċifika li dawk l-ispeċi imniżżla f'Anness I huma suġġett għal miżuri speċjali ta' konservazzjoni li jikkonċernaw l-abitat tagħhom sabiex jiġi assigurat is-sopravivenza u r-riproduzzjoni tagħhom fiż-żoni ta' fejn dawn jinstabu. Għaldaqstant, dawk l-ispeċi kollha li m'humiex imniżżla f'Anness I tad-Direttiva ukoll huma protetti. Dawk l-ispeċi li huma imniżżla f'Anness IIA tad-Direttiva jistgħu jiġu ikkaċċjati mill-Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li dawk imniżżla f'Anness IIB tad-Direttiva jistgħu jiġu ikkaċċjati biss minn uħud mill-Membri tal-Unjoni Ewropea. Għalkemm l-ispeċi imniżżla f'Anness II tad-Direttiva huma kaċċabbli, u f'ċertu perjodi biss, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea xorta huma obbligati li jiżguraw li il-kaċċa għal dawn l-ispeċi ma timminax ix-xogħol ta' konservazzjoni fiż-żoni ta' fejn jinstabu.

Ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42) tittrasponi id-Direttiva tal-Għasafar u telenka l-għasafar f'Anness I tad-Direttiva bħala għasafar fi Skeda I, filwaqt li telenka l-għasafar ta' Anness II tad-Direttiva bħala tajr kaċċabbli fi Skeda II. Il-L.S. 549.42 ukoll tinkludi lista ta' għasafar fi Skeda IX li għalkemm mhumiex f'Anness I tad-Direttiva, tesiġi li ikunu suġġett għall-istess livell ta' protezzjoni daqs li kieku huma parti mil-lista tal-għasafar fi Skeda I. Id-differenza legali bejn għasafar fi Skeda I/IX u dawk li jew mhumiex fl-ebda Skeda jew għasafar li għalkemm qedin fi Skeda II ġew ikkaċċjati jew maqbuda waqt perjodu fejn m'hemmx staġun miftuħ għal dik l-ispeċi, huma l-pieni kif stabbiliti f'Regolament 27 tal-L.S. 549.42.

122, TRIQ MISRAĦ IL-BARRIERI, Santa Venera, SVR1755 - MALTA
**TELEPHONE**: (+356) 2292 6402/3 **Email:** wildbirds@gov.mt